

Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14984/18

CULT 155

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13886/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' F'idma għall-Kultura 2019-2022

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Kultura 2019-2022, adottati mill-Kunsill fit-3653 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Novembru 2018. Il-konklużjonijiet ser jintbagħtu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

Id-dikjarazzjoni tal-Ġermanja, li tinsab fl-Addendum għal dan id-dokument, qed tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FID-DAWL

- tad-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-mexxejja tal-UE, is-Summit ta' Gothenburg u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew¹ fejn il-kultura ġiet rikonoxxuta bħala ċentrali għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi u koeżivi u biex tkun appoġġata l-kompetittività tal-Ewropa;
- l-iżviluppi kontinwi bħat-transizzjoni diġitali, il-globalizzazzjoni, id-diversità li qed tikber fis-soċjetà u l-ambjenti tax-xogħol li qed jinbidlu, u l-ħtieġa li jiġu affaċċjati dawn l-opportunitajiet u l-isfidi permezz ta' sforzi konġunti fil-politika kulturali;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI

- il-pjanijiet ta' ħidma għall-kultura preċedenti tal-Kunsill u r-riżultati miksuba;
- l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura² ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju 2018, li tiddefinixxi tliet objettivi strateġiċi:
 - l-isfruttar tas-setgħa tal-kultura u tad-diversità kulturali għall-koeżjoni soċjali u l-benesseri permezz tal-promozzjoni tal-partekippazzjoni kulturali, il-mobbiltà tal-artisti u l-protezzjoni tal-patrimonju;
 - l-ispinta lill-impjiegi u t-tkabbir fis-setturi kulturali u kreattivi billi jitrawmu l-arti u l-kultura fl-edukazzjoni, jiġu promossi l-ħiliet rilevanti, u tiġi mħeġġa l-innovazzjoni fil-kultura;
 - it-tisħiħ tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali billi jsir l-aħjar użu possibbli mill-potenzjal tal-kultura biex jitrawmu l-iżvilupp sostenibbli u l-paċi;

¹ EUCO 19/1/17 REV 1

² COM(2018) 267 final

WAQT LI JFAKKAR

- fis-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, li qajmet konsiderevolment il-kuxjenza pubblika u politika dwar il-kultura u l-patrimonju fl-Ewropa, u fl-importanza li dan il-momentum jingħata spinta 'l quddiem biex isir użu sħiħ mill-valur soċjali u ekonomiku tal-kultura għall-Ewropa;
- l-importanza ta' sinerġiji mal-programmi u l-fondi rilevanti kollha tal-UE, speċjalment fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, ir-riċerka, id-diġitalizzazzjoni, u l-iżvilupp reġjonali u urban, sabiex ikunu promossi l-politiki kulturali fl-Ewropa;
- fir-referenzi politiċi prinċipali kif imniżżel fl-Anness II għal dawn il-konklużjonijiet;

JAQBEL

mal-għan li jkun hemm strument strateġiku u dinamiku li jindirizza l-iżviluppi politiċi kurrenti, japplika prinċipji ċari u jstabbilixxi prioritajiet iffokati b'implimentazzjoni konsistenti, biex ikun stabbilit, bl-attenzjoni dovuta għall-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, Pjan ta' Ħidma għall-Kultura għas-snin bejn l-2019 u l-2022, kif imniżżel fl-Anness I għal dawn il-konklużjonijiet.

JISTIEDEN

lill-Kummissjoni tadotta evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Ħidma u rapport finali dwar l-implimentazzjoni tiegħu, abbażi ta' kontributi bil-miktub volontarji mill-Istati Membri, sa Ġunju 2022. Fid-dawl ta' dak ir-rapport, il-Presidenza tal-Kunsill tista' tikkunsidra jekk tipproponix Pjan ta' Ħidma għall-Kultura għid għall-perijodu sussegwenti.

I. PRINĊIPJI TA' GWIDA

Il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' gwida li ġejjin:

- Il-kultura għandha valur intrinsiku.
- Il-kultura tikkontribwixxi għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli.
- Id-diversità kulturali u lingwistika hija assi ewlieni tal-Unjoni Ewropea u l-protezzjoni u l-promozzjoni tagħha huma ċentrali għall-politika kulturali fil-livell Ewropew.
- L-integrazzjoni kulturali tirrikjedi approċċ olistiku u orizzontali fir-rigward tal-leġislazzjoni, il-finanzjament u l-kooperazzjoni transettorjali.
- Djalogu regolari bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u s-soċjetà ċivili kif ukoll kooperazzjoni tematika mal-organizzazzjonijiet internazzjonali joħolqu sinerġiji u jwasslu għal riżultati aħjar.
- Governanza aħjar tirrikjedi responsabbiltajiet ċari u involviment mill-atturi kollha involuti.
- Biex jiġi segwit il-progress tal-azzjonijiet jeħtieġ ikun hemm monitoraġġ regolari mill-Presidenza tal-Kunsill.
- Huwa essenzjali li l-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura jkun flessibbli biex jirreaġixxi għal ambjent ta' politika li qed jinbidel.

II. PRIJORITAJIET

Il-Kunsill jagħżel il-prioritajiet li ġejjin fid-dawl tal-kontribut tagħhom għal diversità kulturali, il-valur miżjud Ewropew tagħhom u l-ħtieġa għal azzjoni konġunta:

- A. Sostenibbiltà fil-wirt kulturali
- B. Koeżjoni u benesseri
- C. Ekosistema li tappoġġa lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi u l-kontenut Ewropew
- D. Ugwaljanza bejn is-sessi
- E. Relazzjonijiet kulturali internazzjonali

Id-diġitalizzazzjoni u l-istatistika kulturali huma kwistjonijiet orizzontali importanti li ser jiġu meqjusa skont il-każ. Id-diġitalizzazzjoni toħloq possibiltajiet ġodda u innovattivi għall-arti u l-kultura f'termini ta' aċċess, espressjoni, preservazzjoni, disseminazzjoni u konsum. L-istatistika kulturali tappoġġa t-fassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza fil-livell Ewropew u dak nazzjonali. Il-produzzjoni regolari ta' statistika kulturali komparabbli u affidabbli tul iż-żmien tippermetti l-identifikazzjoni ta' xejriet u t-tfassil ta' politiki tajbin.

Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sinerġiji bejn il-prijoritajiet.

A. Sostenibbiltà fil-wirt kulturali

Il-wirt kulturali huwa kemm il-manifestazzjoni tad-diversità kulturali li tintiret minn ġenerazzjonijiet preċedenti kif ukoll riżorsa għal żvilupp kulturali, soċjali, ambjentali u ekonomiku sostenibbli fl-Ewropa. Il-konservazzjoni, il-preservazzjoni u s-salvagwardja, ir-riċerka, l-attivitajiet edukattivi u t-trasferiment tal-għarfien, il-finanzjament, il-governanza parteċipattiva u l-interpretazzjoni kontemporanja huma oqsma ewlenin li ser jibbenefikaw minn approċċ strateġiku komprensiv. Tul is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, kien hemm numru kbir ta' attivitajiet differenti mal-Ewropa kollha. Biex tkun żgurata l-eredità tagħha, jeħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' segwitu u attivitajiet ta' integrazzjoni, inkluż Pjan ta' Azzjoni għall-Wirt Kulturali mill-Kummissjoni. Il-ħidma tal-koordinaturi nazzjonali tas-Sena Ewropea għandhom jitqiesu wkoll.

B. Koeżjoni u benesseri

L-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali jippromwovu emanċipazzjoni individwali, kuxjenza demokratika u koeżjoni soċjali permezz ta' skambji ma' persuni oħra u impenn ċiviku. It-tibdil fl-imġiba tal-utent minħabba d-diġitalizzazzjoni, ix-xjuħija u soċjetajiet kulturalment differenti jirrikjedi intendiment aħjar tal-udjenzi differenti. Hija meħtieġa orjentazzjoni aktar b'saħħitha lejn l-interessi u l-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi, bħaż-żgħażaġħ, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u l-persuni li jgħixu fil-faqar jew f'deprivazzjoni materjali. It-teknoloġiji diġitali huma riżorsa importanti għall-iżvilupp tal-udjenzi u għal metodi ta' parteċipazzjoni innovattivi. Il-kooperazzjoni transettorjali ma' oqsma oħra, bħall-edukazzjoni, il-kura soċjali, il-kura tas-saħħa, ix-xjenza u t-teknoloġija, u l-iżvilupp reġjonali u urban, għandha effett sinifikattiv fuq il-koeżjoni u l-benesseri. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-rwol tal-kultura fil-livell lokali, lill-kwalità tal-arkitettura u l-ambjent tal-ġhajxien u lill-innovazzjonijiet soċjali xprunati mill-kultura li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ibliet u r-reġjuni mal-EU kollha.

C. Ekosistema li tappoġġa lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi u l-kontenut Ewropew

Il-libertà artistika hija marbuta mill-qrib mal-kondizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-professjonisti u l-istituzzjonijiet kulturali. Is-settur kulturali u dak kreattiv fl-Ewropa huma karatterizzati minn impjieġ indipendenti, intrapriżi żgħar u mikro, u minn diversità kulturali u lingwistika. L-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi għandhom tendenza li jkollhom karrieri bbażati fuq proġetti u livell għoli ta' mobbiltà, filwaqt li ta' spiss ikollhom dħul irregolari u imprevedibbli u jgħaqqdu flimkien diversi xogħlijiet biex jaqilgħu l-ġhajxien. L-innovazzjoni hija partikolarment xprunata minn artisti individwali, ħallieqa u istituzzjonijiet kulturali żgħar, li l-ħolqien ta' valur tagħhom huwa prinċipalment ibbażat fuq assi intanġibbli, bħal ideat oriġinali, għarfien espert u kreattività. Sabiex iżżid il-kompetittività tal-Ewropa u biex tistimula l-innovazzjoni, l-Ewropa trid tibni fuq l-assi kreattivi u kulturali tagħha. Il-mobbiltà tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi, iċ-ċirkolazzjoni u t-traduzzjoni ta' kontenut Ewropew, it-taħriġ u l-iżvilupp tat-talent, il-ħlas u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti, l-aċċess għall-finanzjament u l-kooperazzjoni transfruntiera huma kwistjonijiet ta' interess speċifiku għar-riċerka u l-iskambju fil-livell Ewropew.

D. Ugwaljanza bejn is-sessi

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija pilastru tad-diversità kulturali. Il-kultura għandha rwol ewlieni x'tilgħab biex tisfida l-istereotipi u tippromwovi tibdil fis-soċjetà. Minkejja dan, kważi f'kull settur kulturali u kreattiv għandhom jippersistu diskrepanzi intersezzjonali bejn is-sessi. In-nisa bħala artisti u professjonisti kulturali għandhom inqas aċċess għal riżorsi ta' ħolqien u produzzjoni, huma ġeneralment imħallsa ferm inqas mill-irġiel u huma sottorappreżentati f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u ta' teħid ta' deċiżjonijiet oħra kif ukoll fis-suq tal-arti. Jeħtieġ li dawn id-disparitajiet ikunu rikonoxxuti u indirizzati permezz ta' politiki u miżuri speċifiċi. Sabiex titqajjem kuxjenza fil-livelli politiċi u amministrattivi u fi ħdan is-setturi differenti, jeħtieġ li jkun hemm data komprensiva u skambju ta' Prattika tajba.

E. Relazzjonijiet kulturali internazzjonali

Abbażi tal-idea li l-kultura hija valur fiha nnifisha, ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-UE għandhom isaħħu s-sensibbiltà dwar ir-rwol vitali tal-kultura u l-effetti soċjoekonomiċi pożittivi tagħha, li jindirizzaw kwistjonijiet u sfidi importanti fil-livell globali. Fir-rigward tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali huwa meħtieġ approċċ strateġiku li jimxi pass pass segwit minn azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni tiegħu. Approċċ ta' dan it-tip għandu jkun jinvolvi perspettiva minn isfel għal fuq, iħeġġeġ kuntatti diretti bejn in-nies u jippromwovi d-djalogu interkulturali. Jeħtieġ tiġi żgurata komplementarjetà sħiħa mal-azzjonijiet tal-Istati Membri u l-azzjonijiet imwettqa mill-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO.

III. IMPLIMENTAZZJONI

Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jaħdmu flimkien fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura li huwa implimentat permezz ta' aġenda kontinwa dinamika kif imniżżel fil-Kapitolu IV u fl-Anness A. Il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura jeħtieġ monitoraġġ mill-Presidenza tal-Kunsill u, jekk ikun meħtieġ, jista' jiġi aġġustat mill-Kunsill fid-dawl tar-riżultati miksuba u/jew l-iżviluppi ta' politika fil-livell Ewropew.

Is-suġġetti f'kull qasam ta' prijorità huma indirizzati f'diversi stadji, bl-applikazzjoni tal-metodi ta' ħidma adatti. Kull stadju huwa implimentat jew mill-Kummissjoni, mill-Kunsill jew mill-Presidenza tal-Kunsill jew minn Stat Membru interessat ieħor.

Il-metodi ta' ħidma li ġejjin, fost oħrajn, jistgħu jiġu applikati: il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK), gruppi ta' esperti mmexxija mill-Kummissjoni jew ad hoc, attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari, studji, konferenzi, seminars ta' rendikont, il-Forum Kulturali Ewropew, djalogu mas-soċjetà ċivili, proġetti pilota, inizjattivi konġunti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, konklużjonijiet tal-Kunsill u laqgħat informali tal-uffiċjali mill-Ministeri għall-Kultura u, jekk ikun il-każ, minn ministeri oħra.

Il-prinċipji relatati mas-sħubija u l-funzjonament ta' gruppi tal-MMK jinsabu fl-Anness B.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma mħeġġa jxerrdu sew ir-riżultati tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura u li jikkunsidrawhom, fejn ikun il-każ, fl-iżvilupp ta' politiki fil-livell Ewropew u dak nazzjonali.

IV. AZZJONIJIET

Fir-rigward tal-prijoritajiet u l-metodi ta' ħidma kif deskritt fil-Kapitoli II u III ser jitwettqu l-azzjonijiet li ġejjin.

A. Sostenibbiltà fil-wirt kulturali

Suġġett:

Governanza parteċipattiva

Metodi ta' ħidma:

Attività ta' tagħlim bejn il-pari segwita b'konferenza ospitata mill-Kummissjoni

Raġuni fundamentali:

Il-governanza parteċipattiva hija approċċ li jiffoka fuq in-nies u li jħares 'il quddiem u li jintroduċi bidla reali f'kif jiġi ġestit u apprezzat il-wirt kulturali. Bħala segwitu għall-grupp tal-MMK "Governanza parteċipattiva tal-wirt kulturali" (2016/17) u s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 l-esperti ser jiskambjaw l-aħjar prattika permezz ta' tagħlim bejn il-pari u jiddiskutu kif jiġu appoġġati proċessi parteċipattivi. Fir-rigward tal-"Konvenzjoni dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (Konvenzjoni Faro)" l-għarfien espert tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jiġi kkunsidrat.

Riżultati mmirati:

L-attivitajiet ser iżidu n-netwerking u t-trasferiment tal-għarfien fil-qasam u, fil-perijodu fit-tul, ser jgħinu biex titrawwem governanza parteċipattiva tal-wirt kulturali.

Suġġett:

Adattament għat-tibdil fil-klima

Metodi ta' ħidma:

Il-grupp MMK, inkluż eżerċizzju ta' mmappjar

Raġuni fundamentali:

Fir-rigward ta' "Il-Ftehim ta' Pariġi" (2015) u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 13 tan-NU dwar l-azzjoni klimatika, l-esperti ser jidentifikaw u jiskambjaw l-aħjar prattiki u miżuri innovattivi għall-ambjent storiku fir-rigward tat-tibdil fil-klima. L-informazzjoni mill-proġetti xjentifiċi ta' Orizzont 2020 ser jiġu kondiviżi u ser isir inventarju tal-attivitajiet tal-UE, inkluż l-"Istudju dwar is-salvagwardja tal-wirt mid-diżastri" (2018). Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-effiċjenza enerġetika ta' bini storiku, lit-tfassil u t-trasformazzjoni tal-pajsaġġ kulturali u s-sigurtà tal-wirt f'ċirkustanzi klimatiċi estremi.

Riżultati mmirati:

L-iskambju ser iwassal għal sensibilizzazzjoni u bini tal-kapaċità tal-esperti tal-wirt nazzjonali dwar is-sostenibbiltà tal-wirt kulturali. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom ser jikkontribwixxu għal diskussjonijiet u ppjanar ta' miżuri ta' rispons għat-tibdil fil-klima fil-livell Ewropew u dak nazzjonali.

Suġġett:

Prinċipji ta' kwalità għal interventi fil-qasam tal-wirt kulturali

Metodi ta' ħidma:

Sessjoni ta' ħidma tal-Presidenza u attività ta' tagħlim bejn il-pari, u segwitu xieraq

Raġuni fundamentali:

Bħala segwitu għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 u l-grupp tal-MMK "Ħiliet, taħriġ u trasferiment ta' għarfien: professjonijiet tradizzjonali u emerġenti fil-patrimonju" (2017/2018), l-esperti ser jiskambjaw eżempji prattiċi ta' interventi fil-qasam tal-patrimonju permezz ta' fondi tal-UE. Peress li l-kwistjonijiet ta' rikostruzzjoni u ta' awtentiċità mhumiex dejjem indirizzati sew, huwa importanti li jkun żgurat li d-deċiżjonijiet dwar kwalunkwe tibdil fl-ambjent storiku jkunu bbażati fuq valutazzjoni tajba tal-konsegwenzi u fuq intendiment tajjeb tal-valur tal-patrimonju.

Riżultati mmirati:

L-għan huwa li jkunu żviluppati linji gwida li jirregolaw il-ġenerazzjoni li jmiss ta' fondi tal-UE, filwaqt li jiġu żgurati prinċipji ta' kwalità għall-konservazzjoni u s-salvagwardja fil-qasam tal-patrimonju. L-esperti ser jipprovdu analiżi komprensiva u rakkomandazzjonijiet dwar il-prinċipji ta' kwalità li għandhom jiġu applikati fl-interventi kollha li jaffettwaw l-ambjent storiku.

Suġġett:

Finanzjament alternattiv għall-wirt kulturali

Metodi ta' ħidma:

Sessjonijiet ta' ħidma ospitati mill-Kummissjoni

Raġuni fundamentali:

Minħabba l-pressjoni qawwija fuq il-baġits pubbliċi ddedikati għall-wirt kulturali, qed jiġu żviluppati sorsi ta' finanzjament alternattivi, li jvarjaw minn sħubiji bejn is-settur pubbliku u dak privat sal-involvement flotteriji u kreditu ta' taxxa għal donazzjonijiet. Ir-rwol tal-fondazzjonijiet ser jiġi wkoll eżaminat f'dan il-kuntest.

Riżultati mmirati:

L-għan huwa li jiġu identifikati sorsi ġodda ta' finanzjament għall-wirt kulturali u l-aħjar prattiki trasferibbli sabiex tkun promossa s-sostenibbiltà ekonomika tiegħu.

B. Koeżjoni u benesseri***Suġġett:***

Koeżjoni soċjali

Metodi ta' ħidma:

Grupp tal-MMK segwit minn konferenza tal-Presidenza

Raġuni fundamentali:

Wara l-analiżi tar-rapport tal-grupp tal-MMK dwar "Trawwim tal-kontribut tal-kultura għall-inklużjoni soċjali" (2017/18), grupp tal-MMK ta' segwitu ser jingħata mandat ġdid biex jesplora suġġetti speċifiċi ta' interess partikolari b'reqqa akbar, bħall-ħtieġa li l-kultura tiġi inkluża bħala kwistjoni trasversali fil-qasam tal-politika soċjali, il-politika tas-saħħa u l-iżvilupp lokali, fost l-oħrajn. Sussegwentement ser tiġi organizzata konferenza biex jitqassmu r-riżultati miksuba u t-tagħlim meħud. Jekk ikun meħtieġ wara għandhom jiġu diskussi passi ulterjuri.

Riżultati mmirati:

L-għan huwa li jiġu identifikati l-aħjar prattiki ta' kooperazzjoni transettorjali, li għandhom impatt soċjali u ekonomiku rilevanti. Possibiltajiet ta' finanzjament taħt il-Programm Ewropa Kreattiva u programmi tal-UE rilevanti oħra ser jiġu esplorati.

Suġġett:

Arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja għal kulħadd

Metodi ta' ħidma:

Grupp tal-MMK segwit minn konferenza ospitata mill-Awstrija u konklużjonijiet possibbli tal-Kunsill

Raġuni fundamentali:

Kif imfakkar minn "Id-Dikjarazzjoni ta' Davos 2018: Lejn Baukultur ta' kwalità għolja għall-Ewropa", il-kultura għandha rwol ċentrali fl-ambjent imsaqqar mill-bnedmin (li jinkludi l-arkitettura, il-patrimonju, l-ispazju pubbliku u l-pajsaġġ). Proċessi innovattivi u inklużivi biex ikun hemm u tiġi ppreservata arkitettura ta' kwalità huma meħtieġa għall-iżvilupp ta' approċċ integrat li jikkontribwixxi għall-benessri taċ-ċittadini kollha. L-enfasi ser tkun fuq l-arkitettura bħala dixxiplina li tinkludi l-bilanċ tajjeb bejn l-aspetti kulturali, soċjali, ekonomiċi, ambjentali u tekniċi għall-għid komuni. Ser ikunu analizzati mudelli ta' governanza multidixxiplinari u parteċipatorja li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-viċinati.

Riżultati mmirati:

L-iskambju ta' esperjenzi u stejjer ta' suċċess ser jgħin biex tiġi identifikata l-aqwa prassi. Jistgħu jiġu stabbiliti sinerġiji mal-Fondi Strutturali, l-Aġenda Urbana tal-UE u s-Sħubija l-għdida tagħha dwar il-Kultura u l-Wirt Kulturali kif ukoll l-Aġenda 2030 tan-NU u l-proġett tal-OECD dwar produttività reġjonali u benessri mmexxija mill-kultura.

Suġġett:

Nifhmu l-udjenzi diġitali

Metodi ta' ħidma:

Grupp ta' esperti mmexxi mill-Kummissjoni

Raġuni fundamentali:

It-teknoloġiji diġitali jipprovdu opportunità għal organizzazzjonijiet kulturali biex jiżviluppaw relazzjonijiet interattivi ma' udjenzi differenti. Sabiex jieħdu vantaġġ minn dawn l-opportunitajiet, l-organizzazzjonijiet għandhom jifhmu aħjar l-udjenzi diġitali tagħhom. Bħala segwitu għall-grupp tal-MMK (2015/16) u l-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'attenzjoni fuq l-iżvilupp tal-udjenza" (2017), grupp ta' esperti mmexxi mill-Kummissjoni ser jeżamina għodod innovattivi u jiżviluppa linji gwida għall-ġbir u l-ġestjoni ta' data dwar l-udjenzi diġitali.

Riżultati mmirati:

Il-linji gwida volontarji għandhom iservu bħala sors ta' ispirazzjoni għal organizzazzjonijiet kulturali u jgħinuhom jadattaw għall-ambjent diġitali li dejjem jinbidel. B'aktar servizzi orjentati lejn l-utent, l-organizzazzjonijiet ser japprofondixxu r-relazzjonijiet mal-udjenzi attwali tagħhom u jilħqu oħrajn ġodda.

Suġġett:

Ġenerazzjoni żagħżugħa kreattiva

Metodi ta' ħidma:

Konferenza tal-presidenza u konklużjonijiet possibbli tal-Kunsill, is-segwitu ser jiġi diskuss

Raġuni fundamentali:

Minn età bikrija, kemm il-kultura u l-edukazzjoni jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet kreattivi u ħsieb kritiku. Id-diġitalizzazzjoni ssawwar mudelli ġodda ta' aċċess għall-kultura, reinterpretazzjoni personali u awtoespressjoni, li tqanqal interess kbir fost iż-żgħażaġh u timpenjahom bħala udjenzi attivi. Hemm ħtieġa dejjem tikber li jkun hemm approċċ aktar strateġiku relatat mal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-kultura, sabiex irawmu l-kreattività tagħhom u jiżviluppaw ħiliet li huma importanti għall-impjegabbiltà futura, iċ-ċittadinanza attiva u l-inklużjoni soċjali tagħhom.

Riżultati mmirati:

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika ser jimmiraw lejn it-trawwim tal-kreattività taż-żgħażaġh u l-potenzjal ta' innovazzjoni tagħhom fl-era diġitali.

Suġġett:

Ċittadinanza, valuri u demokrazija

Metodi ta' ħidma:

Konferenza tal-Presidenza segwita minn studju

Raġuni fundamentali:

Il-partekipazzjoni fl-arti u l-kultura tippromwovi ċittadinanza attiva, rieda, kurżità u ħsieb kritiku u b'hekk twassal għal tisħiħ fid-demokrazija. Studju ser jeżamina l-impatt tal-kultura dwar dawn l-aspetti u jiġbor eżempji. Kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa għandha tiġi prevista u l-applikabbiltà tal-"Qafas ta' Indikaturi dwar il-Kultura u d-Demokrazija" tagħha fil-kuntest tal-UE għandha tiġi eżaminata.

Riżultati mmirati:

L-istudju ser jikkontribwixxi għal miżuri ta' politika bbażati fuq l-evidenza u jqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-kultura għas-soċjetà u d-demokrazija.

C. Ekosistema li tappoġġa lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi u l-kontenut Ewropew***Suġġett:***

Status u kondizzjonijiet ta' ħidma ta' artisti u professjonisti kulturali u kreattivi

Metodi ta' ħidma:

Studju segwit minn grupp tal-MMK

Raġuni fundamentali:

L-istudju għandu jespjora l-mogħdijiet tal-karriera inkluż l-intraprenditorija, in-natura tad-dħul, l-influenza tas-suq, l-aċċess għall-finanzi, is-sigurtà soċjali u l-mobbiltà transfruntiera. Bħala segwitu, grupp tal-MMK għandu janalizza r-riżultati, jiskambja l-aqwa prassi fl-Istati Membri u jiżviluppa rakkomandazzjonijiet ta' politika.

Riżultati mmirati:

L-għan huwa li jitjieb l-għarfien tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' artisti u professjonisti kulturali u kreattivi fl-Ewropa u li jinkiseb parir ta' politika biex jissawwar ambjent favorevoli.

Suġġett:

Libertà artistika

Metodi ta' ħidma:

Sessjoni ta' ħidma ospitata mill-Kummissjoni, segwita minn konferenza possibbli flimkien ma' aġenziji rilevanti oħra tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali

Raġuni fundamentali:

Skont il-"Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE" u l-"Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali", il-libertà artistika hija ċentrali għal soċjetajiet demokratiċi. L-arti tista' tgħin biex jingħelbu ostakli marbuta mar-razza, ir-reliġjon, is-sess, l-età, in-nazzjonalità, il-kultura u l-identità billi tipprovdi kontrodiskors u billi tikkontesta narrattivi u perspettivi privileġġjati. L-iżviluppi u l-isfidi għal-libertà artistika ser jiġu diskussi.

Riżultati mmirati:

L-għan huwa li jiġu diskussi esperjenzi speċifiċi dwar din il-kwistjoni sabiex titqajjem kuxjenza dwar ir-rilevanza tagħha.

Suġġett:

Koproduzzjonijiet fis-settur awdjoviżiv

Metodi ta' ħidma:

Konferenza tal-presidenza u konklużjonijiet possibbli tal-Kunsill segwit minn grupp tal-MMK

Raġuni fundamentali:

Skont l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, il-koproduzzjonijiet Ewropej jiġġeneraw tliet darbiet in-numru ta' ammissjonijiet meta mqabbla ma' films nazzjonali. Il-koproduzzjonijiet jgħinu lill-industrija Ewropea biex tespandi billi jsaħħu l-pożizzjoni tagħha fl-Ewropea u fi swieq internazzjonali ewlenin. Il-fondi nazzjonali u l-programmi Ewropej (bħal Ewropea Kreattiva MEDIA u EURIMAGES) qed jiddedikaw dejjem aktar attenzjoni lill-potenzjal ta' koproduzzjonijiet, kemm għal feature films kif ukoll għal produzzjonijiet televiżivi, inkluż koproduzzjonijiet bilaterali u kożvilupp bejn il-pajjiżi Ewropej, u koproduzzjoni ma' pajjiżi mhux Ewropej. Dan il-potenzjal għandu jiġi esplorat ukoll fir-rigward tal-iżvilupp ta' udjenzi differenti.

Riżultati mmirati:

Sabiex jiġu stimolati l-koproduzzjonijiet, ser jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet ta' politika u inċentivi għall-koproduzzjonijiet f'oqfsa legali u skemi ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv.

Suġġett:

Diversità u kompetittività tas-settur tal-mużika

Metodi ta' ħidma:

Konferenzi tal-Presidenza, laqgħat ta' ħidma ospitati mill-Kummissjoni u konklużjonijiet possibbli tal-Kunsill

Raġuni fundamentali:

Il-bidla għad-diġitali, b'mod partikolari tal-istreaming tal-mużika, u l-kompetizzjoni akbar mill-atturi globali wasslu għal bidliet fundamentali fil-mod kif il-mużika tiġi maħluqa, prodotta, trażmessa, distribwita, ikkonsmata u msarrfa fi flus. Abbażi ta' attivitajiet imwettqa fil-kuntest ta' "Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa", l-esperti ser ikollhom skambju ta' informazzjoni dwar politiki pubbliċi biex jippromwovu l-mobbiltà tal-artisti u ċ-ċirkolazzjoni ta' repertorju lokali fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Riżultati mmirati:

L-għan huwa li jiġu identifikati l-aqwa Prattiki li jistgħu jiġu trasferiti u li jiġu diskussi miżuri ta' politika adatti fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali.

Suġġett:

Multilingwiżmu u traduzzjoni

Metodi ta' ħidma:

Grupp tal-MMK segwit minn konferenza tal-Presidenza

Raġuni fundamentali:

F'ambjent multilingwi, it-traduzzjoni hija fundamentali biex jiġi permess aċċess usa' għall-kontenut Ewropew. Sabiex jinbena fuq id-diversità lingwistika tal-Ewropa bħala assi u biex tiġi promossa ċirkolazzjoni aħjar ta' xogħlijiet Ewropej, ser jiġu vvalutati l-mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti għat-traduzzjoni fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew. Peress li d-diġitalizzazzjoni għandha impatt kbir fuq id-diversità lingwistika u fuq il-professjonijiet tat-traduzzjoni, il-ħtiġijiet tagħhom f'dan il-qasam ser jiġu indirizzati wkoll.

Riżultati mmirati:

L-esperti ser jiskambjaw l-aħjar Prattiki dwar l-appoġġ għat-traduzzjoni fis-settur tal-kotba u l-pubblikazzjoni, kif ukoll f'setturi kulturali u kreattivi oħrajn, u jirrakkomandaw miżuri konkreti taħt il-Programm Ewropa Kreattiva biex jippromwovu d-diversità lingwistika u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet.

Suġġett:

Finanzjament u innovazzjoni

Metodi ta' ħidma:

Laqgħa informali tal-Ministri għall-Kultura segwita minn seminars ta' rendikont organizzati mill-Kummissjoni

Raġuni fundamentali:

Wara l-gruppi tal-MKK "Aċċess għal finanzjament għas-settur kulturali u dak kreattiv" (2014/15) u l-"Iżvilupp tal-potenzjal intraprenditorjali u ta' innovazzjoni tas-settur kulturali u dak kreattiv" (2016/17) kif ukoll il-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali" (2015), jeħtieġ li jsir eżerċizzju ta' rendikont biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

Riżultati mmirati:

L-esperti ser janalizzaw dak li ġie implimentat s'issa u jiddiskutu miżuri għall-ħidma futura fil-livell Ewropew.

D. Ugwaljanza bejn is-sessi

Suġġett:

L-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur kulturali u dak kreattiv

Metodi ta' ħidma:

Immappjar u grupp tal-MMK segwiti minn konklużjonijiet possibbli tal-Kunsill

Raġuni fundamentali:

Immappjar mill-Kummissjoni ser jeżamina s-sitwazzjoni ta' artisti u professjonisti kulturali nisa (p.eż. il-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-fastidju sesswali, l-aċċess għar-riżorsi, ir-rappreżentazzjoni f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-paga). B'mod parallel, l-Istati Membri ser jiskambjaw l-informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-aqwa prattika. Il-grupp tal-MKK ser jidentifika l-ostakli ewlenin u ser jissuġġerixxi sett ta' azzjonijiet konkreti. Bħala pass li jmiss, il-Kunsill jista' jadotta konklużjonijiet li jiffukaw fuq objettivi u azzjonijiet magħżula.

Riżultati mmirati:

L-għan hu li jinholq għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-setturi kulturali u kreattivi fil-livell politiku, amministrattiv u prattiku u li jkunu proposti miżuri konkreti taħt il-Programm Ewropa Kreattiva.

E. Relazzjonijiet kulturali internazzjonali

Suġġett:

Approċċ strateġiku għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-UE

Metodi ta' ħidma:

Laqgħat tal-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali (CAC) u/jew fora oħra xierqa bil-parteċipazzjoni tas-SEAE u uffiċjali mill-Ministeri għall-Affarijiet Barranin u ministeri rilevanti oħrajn, laqgħat ta' esperti u konferenza tal-Presidenza.

Raġuni fundamentali:

Filwaqt li titmexxa 'l quddiem il-ħidma tal-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza (2017/18) dwar l-istess suġġett, il-Kunsill ser jiġi mistieden jirreaġixxi għall-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tas-SEAE "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (2016), billi jiġu identifikati l-prinċipji, l-oġettivi u l-prioritajiet strateġiċi komuni tal-approċċ tal-UE, jiġu ċċarati r-rwoli tal-atturi involuti u proposti oqsma fejn azzjoni konġunta fil-livell tal-Unjoni Ewropea hija l-aktar rilevanti.

Riżultati mmirati:

B'kont meħud tan-natura orizzontali ta' dan il-kompitu, l-għan huwa li jgħaqqad flimkien esperti minn setturi differenti (eż. il-kultura, l-affarijiet barranin, l-edukazzjoni, il-migrazzjoni, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, id-dwana u l-politiki tal-intrapriża) biex jiżviluppaw approċċ strateġiku tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali, segwit minn azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni tagħha.

ANNEX A

Skeda ta' żmien indikattiva tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022

Prijorità	Suġġetti	2019		2020		2021		2022	
		L-ewwel nofs	It-tieni nofs	L-ewwel nofs	It-tieni nofs	L-ewwel nofs	It-tieni nofs	L-ewwel nofs	It-tieni nofs
A. Sostenibbiltà fil-wirt kulturali	Governanza parteċipattiva	tagħlim bejn il-pari		konferenza					
	Adattament għat-tibdil fil-klima					Grupp tal-MMK			
	Prinċipji ta' kwalità	sessjoni ta' ħidma tal-PRES	tagħlim bejn il-pari						
	Finanzjament alternattiv			sessjoni ta' ħidma		sessjoni ta' ħidma			
B. Koeżjoni u benesseri	Koeżjoni soċjali	eżami. tar-rapport tal-MMK tal-2017/18	Grupp tal-MMK			eżami. tar-rapport tal-MMK, konferenza tal-PRES			
	Arkitettura u ambjent mibni ta' kwalità għolja			konferenza			tal-grupp tal-MMK	poss. Konklużjonijiet tal-Kunsill	
	Nifhmu l-udjenzi diġitali					Grupp ta' esperti mmexxi mill-Kummissjoni			eżami tar-rapport tal-esperti
	Ġenerazzjoni żagħżugħa kreattiva	konferenza tal-PRES, poss. Konklużjonijiet tal-Kunsill							
	Ċittadinanza, valuri u demokrazija		konferenza tal-PRES		studju				
C. Ekosistema li tappoġġa lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi u l-kontenut	Status u kondizzjonijiet ta' ħidma tal-artisti		studju				Grupp tal-MMK		
	Libertà artistika			sessjoni ta' ħidma		konferenza poss.			

Ewropew	Koproduzzjonijiet awdjoviżivi	konferenza tal-PRES, poss. Konklużjonijiet tal-Kunsill	Grupp tal-MMK			eżami. tar-rapport tal-MMK			
	Mużika	konferenza tal-PRES		sessjoni ta' ħidma	sessjoni ta' ħidma	konferenza tal-PRES, poss. Konklużjonijiet tal-Kunsill			
	Multilingwiżmu u traduzzjoni			Grupp tal-MMK			eżami. tar-rapport tal-MMK	konferenza tal-PRES	
	Finanzjament u innovazzjoni	Laqgħa informali tal-Ministri għall-Kultura	seminar ta' eżami		seminar ta' eżami				
D. Ugwaljanza bejn is-sessi	Ugwaljanza bejn is-sessi	immappjar u grupp tal-MMK			eżami. tar-rapport tal-MMK, poss. Konklużjonijiet tal-Kunsill				
E. Relazzjonijiet kulturali internazzjonali	Approċċ strateġiku		adozzjoni tal-approċċ strateġiku				konferenza tal-PRES		

**Prinċipji relatati mal-gruppi tal-MMK stabbiliti mill-Istati Membri fil-qafas tal-Pjan ta' Ħidma
għall-Kultura 2019-2022**

Sħubija

- Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-ħidma tal-gruppi tal-MMK hija volontarja u l-Istati Membri jistgħu jingħaqdu ma' dawn il-gruppi fi kwalunkwe ħin.
- L-Istati Membri interessati fil-parteċipazzjoni ser jaħtru esperti bħala membru ta' grupp tal-MMK. L-Istati Membri ser jiżguraw li l-esperti maħtura jkollhom esperjenza Prattika fil-qasam rilevanti fil-livell nazzjonali. L-esperti maħtura jimpenjaw ruħhom għal komunikazzjoni effettiva mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-Kummissjoni ser tikkoordina l-eżerċizzju tal-ħatra.
- Kull grupp tal-MMK jista' jiddeċiedi li jistieden esperti indipendenti, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u rappreżentanti ta' pajjiżi terzi Ewropej biex jikkontribwixxu għall-ħidma. Dawn il-parteċipanti jistgħu jingħaqdu għall-perijodu ta' ħidma kollu, bir-rekwiżit li s-sħubija tagħhom tiġi approvata unanimament mill-grupp tal-MMK.

Mandat

- Il-mandat ta' kull grupp tal-MMK ser jiġi ffinalizzat fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali abbażi ta' abbozz ta' mandat propost mill-Kummissjoni f'konformità mal-Kapitolu IV.

Proċeduri ta' ħidma

- Il-gruppi tal-MMK ser jikkonċentraw fuq il-kisba ta' riżultati konkreti u utli dwar is-suġġett mitlub.
- Kull grupp tal-MMK ser iħejji l-iskeda ta' ħidma tiegħu skont dan il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura.
- Kull grupp tal-MMK ser ikun responsabbli li jaħtar il-president jew il-kopresidenti tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-grupp tal-esperti.
- Il-Kummissjoni ser tipprovdi kompetenza esperta u appoġġ loġistiku għall-ħidma tal-gruppi tal-MMK. Sa fejn hu possibbli, ser tappoġġa wkoll il-ħidma tal-gruppi tal-MMK permezz ta' mezzi adatti oħra (inkluż laqgħa ta' tnedija u studji rilevanti għall-qasam ta' ħidma tagħhom).
- B'appoġġ għall-iskambju tal-prattika tajba, jistgħu jsiru wkoll laqgħat tal-gruppi tal-MMK inkluż żjarat ta' studju fuq stedina ta' Stat Membru.

Rappurtar u informazzjoni

- Il-presidenti tal-gruppi tal-MMK ser jirrapportaw lill-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali dwar il-progress u r-riżultati miksuba. Jekk adatt, il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali ser jipprovdi gwida ulterjuri lill-gruppi tal-MMK, sabiex jiġi żgurat li jinkiseb l-eżitu mixtieq fiż-żmien mixtieq.
 - L-aġendi u l-minuti tal-laqgħat tal-gruppi tal-MMK ser ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-grad ta' parteċipazzjoni tagħhom.
 - Ir-rapporti finali tal-gruppi tal-MMK ser jiġu ppubblikati, u s-sommarji eżekuttivi għandhom jiġu tradotti mill-Kummissjoni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.
-

Referenzi politiċi ewlenin³

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura tat-22 ta' Mejju 2018 (COM(2018) 267 final)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2015-2018 (ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4) u konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li jemendaw il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015-2018) fir-rigward tal-prijorità dwar id-djalogu interkulturali (ĠU C 417, 15.12.2015, p. 44)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 (EUCO 19/1/17 REV 1)
- Verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'attenzjoni speċjali għall-Artikoli 8, 10 u 167 TFUE (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 13)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ strateġiku tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali (ĠU C 189, 15.6.2017, p. 38)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali (ĠU C 172, 27.5.2015, p. 13)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Kulturali (ĠU C 393, 19.12.2012, p. 8)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza (ĠU C 425, 12.12.2017, p. 4)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-wirt kulturali jitpoġġa fuq quddiem fil-politiki kollha tal-UE (ĠU C 196, 8.6.2018, p. 20)
- Kunsill tal-Ewropa, Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur awdjoviżiv (CM/Rec(2017)9)
- Dibattitu dwar l-edukazzjoni u l-kultura taħt l-Aġenda tal-Mexxejja tas-17 ta' Novembru 2017 f'Gothenburg inkluż il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura (COM(2017) 673 final)
- Deċiżjoni (UE) 2017/864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, (ĠU L 131, 20.5.2017, p. 1)

³ F'ordni alfabetiku

- Kommunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN(2016) 29 final)
- Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014-2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva 2021-2027 (COM(2018) 366 final)
- Rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u r-rilevanza tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2015-18
- Rapport mill-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza dwar ċerti elementi tal-approċċ strateġiku futur tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali (9952/18)
- Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017
- Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali (2005)
- UNESCO: Insawru/Insawru Mill-Ġdid il-Politiki Kulturali. Navvanzaw il-kreattività għall-iżvilupp. Rapport Globali dwar il-Konvenzjoni tal-2005 (2018)
- Ir-Riżoluzzjoni tan-NU 'Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli' (2015)
